



7.11.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-
ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali
(COM(2016)0826 – C8-0534/2016 – 2016/0414(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Eva Joly

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament relatat mat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata għadhom problemi sinifikanti fil-livell tal-Unjoni, li jagħmlu ħsara lill-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju u jheddu s-sigurtà interna u s-suq intern tal-Unjoni. Biex tittratta dawk il-problemi u ssaħħa ukoll l-applikazzjoni tad-Direttiva 2015/849/UE¹, din id-Direttiva għandha l-għan li tittratta l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali, filwaqt li tippermetti kooperazzjoni transfruntiera aħjar bejn l-awtoritajiet kompetenti.

¹ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

Emenda

(1) Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament relatat mat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata għadhom problemi sinifikanti ***ħafna*** fil-livell tal-Unjoni, li jagħmlu ħsara lill-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju u jheddu s-sigurtà interna u s-suq intern tal-Unjoni ***u jimminaw il-fiduċja fost il-parteċipanti fis-suq***. Biex tittratta dawk il-problemi ***serji u urġenti*** u ssaħħa ukoll l-applikazzjoni tad-Direttiva 2015/849/UE¹, din id-Direttiva għandha l-għan li tittratta l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali, filwaqt li tippermetti kooperazzjoni transfruntiera aħjar, ***aktar rapida u aktar effiċjenti*** bejn l-awtoritajiet kompetenti.

¹ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) ***Jinh tieġ*** li l-azzjoni tal-Unjoni ***tkompli tieħu kont partikolari tar-Rakkomandazzjonijiet*** tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF), u ta' strumenti ta' korpi internazzjonali oħra attivi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. L-atti legali rilevanti tal-Unjoni ***għandhom*** jiġu ***ulterjorment*** allinjati, jekk meħtiegħ, mal-Istandards Internazzjonali dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u l-Proliferazzjoni (International Standards on Combating Money Laundering and the Financing of Terrorism and Proliferation) adottati mill-FATF fi Frar 2012 (ir-"Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FATF"). Bħala firmatarja tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħasil tal-flus, it-tiftix, il-qabda u l-konfiska ta' profitti minn attività kriminali u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, (is-CETS Nru 198), ***jinh tieġ*** li l-Unjoni tittrasponi r-reqwiziti ta' din il-Konvenzjoni fl-ordinament ġuridiku tagħha.

Emenda

(3) ***Jenħtieġ*** li l-azzjoni tal-Unjoni ***tmur lil hinn mir-Rakkomandazzjonijiet*** tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF), u ta' strumenti ta' korpi internazzjonali oħra attivi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel il-valutazzjoni tagħha stess rigward l-effiċjenza tal-miżuri proposti mill-FATF u l-implimentazzjoni u l-effikaċja tal-miżuri kontra l-ħasil tal-flus inġenerali. Jenħtieġ li l-FATF twettaq revizzjoni tal-istandards eżistenti u valutazzjoni tal-ħidma tagħha stess u li tiżgura r-rappreżentanza reġjonali, il-kredibbiltà, l-effiċjenza u l-użu aħjar tal-intelligence finanzjarja.*** L-atti legali rilevanti tal-Unjoni ***għandhom*** jiġu ***ulterjorment*** allinjati, jekk meħtiegħ, mal-Istandards Internazzjonali dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u l-Proliferazzjoni (International Standards on Combating Money Laundering and the Financing of Terrorism and Proliferation) adottati mill-FATF fi Frar 2012 (ir-"Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FATF"). Bħala firmatarja tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħasil tal-flus, it-tiftix, il-qabda u l-konfiska ta' profitti minn attività kriminali u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, (is-CETS Nru 198), ***jenħtieġ*** li l-Unjoni tittrasponi r-reqwiziti ta' din il-Konvenzjoni fl-ordinament ġuridiku tagħha.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) **Jinhrieg** li d-definizzjoni ta' attivitajiet kriminali li jikkostitwixxu reati predikati għall-ħasil tal-flus tkun uniformi biżżejjed fl-Istati Membri kollha. **Jinhrieg** li l-Istati Membri jinkludu firxa ta' reati f'kull waħda mill-kategoriji speċifikati mill-FATF. Jekk il-kategoriji ta' reati, bħat-terroriżmu jew ir-reati ambjentali, huma stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, din id-Direttiva tirreferi għal tali leġislazzjoni. Dan jiżgura li l-ħasil tar-rikavat mill-finanzjament tat-terroriżmu u t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi jkun punibbli fl-Istati Membri. F'każijiet fejn il-liġi tal-Unjoni tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għal sanzjonijiet oħra li mhumiex sanzjonijiet kriminali, **jinhrieg** li din id-Direttiva ma tirrekjedix lill-Istati Membri jistabbilixxu dawk il-każijiet bħala reati predikati għall-fini ta' din id-Direttiva.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Sabiex il-ħasil tal-flus ikun għodda effettiva kontra l-kriminalità organizzata, **jinhrieg** li ma jkunx neċessarju li jiġu identifikati d-dettalji speċifiċi tar-reat li ġġeneraw il-proprjetà, u inqas u inqas **ma għandha** tiġi rikjesta kundanna preċedenti jew simultanja għal dak ir-reat. **Jinhrieg** ukoll li l-prosekuzzjonijiet għall-ħasil tal-flus ma jiġux imxekkla mis-sempliċi fatt li r-reat predikat twettaq fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, sakemm dan ikun reat kriminali f'dak l-Istat Membru jew pajjiż terz. L-Istati Membri **jistgħu** jistabbilixxu bħala prerekwiżit il-fatt li **r-reat predikat kien ikun** reat fil-liġi nazzjonali tiegħu kieku **twettaq** hemm.

(5) **Jenhrieg** li d-definizzjoni ta' attivitajiet kriminali li jikkostitwixxu reati predikati għall-ħasil tal-flus tkun **estiża u** uniformi biżżejjed fl-Istati Membri kollha. **Jenhrieg** li l-Istati Membri jinkludu firxa ta' reati f'kull waħda mill-kategoriji speċifikati mill-FATF, **inklużi l-evażjoni, il-frodi u l-evitar tat-taxxa, kif ukoll kwalunkwe mġiba frawdolenti li tinvolvi l-ħabi ta' introjtu jew qligħ**. Jekk il-kategoriji ta' reati, bħat-terroriżmu jew ir-reati ambjentali, huma stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, din id-Direttiva tirreferi għal tali leġislazzjoni. Dan jiżgura li l-ħasil tar-rikavat mill-finanzjament tat-terroriżmu u t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi jkun punibbli fl-Istati Membri. F'każijiet fejn il-liġi tal-Unjoni tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għal sanzjonijiet oħra li mhumiex sanzjonijiet kriminali, **jenhrieg** li din id-Direttiva ma tirrekjedix lill-Istati Membri jistabbilixxu dawk il-każijiet bħala reati predikati għall-fini ta' din id-Direttiva.

Emenda

(9) Sabiex il-ħasil tal-flus ikun għodda effettiva kontra l-kriminalità organizzata, **jenhrieg** li ma jkunx neċessarju li jiġu identifikati d-dettalji speċifiċi tar-reat li ġġeneraw il-proprjetà **jew inkella ċ-ċirkostanzi jew l-elementi fattwali kollha relatati mal-attività kriminali**, u inqas u inqas **li** tiġi rikjesta kundanna preċedenti jew simultanja għal dak ir-reat. **Jenhrieg** ukoll li l-prosekuzzjonijiet għall-ħasil tal-flus ma jiġux imxekkla mis-sempliċi fatt li r-reat predikat twettaq fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, sakemm dan ikun reat kriminali f'dak l-Istat Membru jew pajjiż terz. L-Istati Membri **jenhrieg li jkunu jistgħu wkoll** jistabbilixxu bħala prerekwiżit il-fatt li **l-imġiba rilevanti**

kienet tkun reat predikat fil-liġi nazzjonali tiegħu kieku twettqet hemm. Madankollu, kemm-il darba l-imġiba rilevanti tikkostitwixxi forma serja ta' kriminalità, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jirrikjedux li l-imġiba rilevanti tkun reat kriminali fl-Istat Membru jew fil-pajjiż fejn seħħet dik l-imġiba.

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Biex jiskoraġġixxu l-ħasil tal-flus fl-Unjoni kollha, ***jenħtieġ*** li l-Istati Membri jistabbilixxu tipi u livelli minimi ta' pieni meta jitwettqu r-reati kriminali ddefiniti f'din id-Direttiva. ***Jekk ir-reat*** jitwettaq f'organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI⁴ ***jew jekk*** il-persuna li ***tkun wettqet*** ir-reat ***tkun abbużat*** mill-pożizzjoni professjonali tagħha biex tippermetti l-ħasil tal-flus, ***jenħtieġ*** li l-Istati Membri ***jipprovd***u għal ***ċirkostanzi aggravanti*** skont ***ir-regoli applikabbli stabbiliti mill-ordinament ġuridiku tagħhom***.

Emenda

(11) Biex jiskoraġġixxu l-ħasil tal-flus fl-Unjoni kollha, ***jenħtieġ*** li l-Istati Membri jistabbilixxu, ***f'katalogu***, tipi u livelli minimi ta' pieni ***ddefiniti b'mod ċar*** meta jitwettqu r-reati kriminali ddefiniti f'din id-Direttiva. ***Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll tipi u livelli minimi ta' pieni fir-rigward tal-istigazzjoni, l-għajnuna u l-kompliċità fit-twettiq ta' tali reati kriminali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu ċirkostanzi aggravanti f'konformità mar-regoli applikabbli stabbiliti mis-sistemi legali tagħhom fiċ-ċirkostanzi li ġejjin: ir-reat*** jitwettaq f'organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI⁴; il-persuna li ***twettaq*** ir-reat ***tabbuża*** mill-pożizzjoni professjonali tagħha biex tippermetti l-ħasil tal-flus; ***il-flus jew il-proprjetà li jkunu qed jiġu maħsula jkunu ġejjin minn attivitajiet terroristiċi kif definit fid-Direttiva 2017/541 tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill^{4a} jew mit-traffikar illeċitu tal-armi; jew l-awtur tar-reat ikun persuna politikament esposta kif definit fid-Direttiva 2015/849 jew ikun involut f'korruzzjoni ta' uffiċjali eletti. Jenħtieġ*** li l-Istati Membri ***jikkalkulaw l-ammont ta' multi*** skont ***il-prinċipju tal-gross, jiġifieri abbażi tal-qligħ li jirriżulta mill-azzjoni kriminali mingħajr ma jitnaqqsu l-ispejjeż imġarrba, sabiex ikun***

żgurat li l-piena tkun ogħla mill-valur ekonomiku tar-reat. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu arranġamenti għall-implimentazzjoni effettiva ta' dawk il-pieni.

⁴ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42)

⁴ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42).

^{4a} *Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).*

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jipprovdu l-miżuri legali meħtieġa għall-protezzjoni tal-informaturi li jirrappurtaw informazzjoni relatata mal-ħasil tal-flus, anke f'pajjiżi terzi.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt pa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(pa) reati fiskali relatati ma' taxxi diretti u taxxi indiretti, inkluża l-evażjoni tat-taxxi permezz tal-ħabi tal-introjt, akkwistat legalment jew illegalment, mill-identifikazzjoni u l-ġbir mill-awtoritajiet tat-taxxa;

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt v

Test propost mill-Kummissjoni

(v) ir-reati kollha, **inklużi reati fiskali, relatati ma' taxxi diretti u taxxi indiretti kif definiti fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri**, li huma punibbli b'ċaħda tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' aktar minn sena jew, fir-rigward ta' Stati Membri li għandhom livell limitu minimu għal reati fis-sistema legali tagħhom, ir-reati kollha punibbli b'ċaħda tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal minimu ta' aktar minn sitt xhur;

Emenda

(v) ir-reati kollha li huma punibbli b'ċaħda tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' aktar minn sena jew, fir-rigward ta' Stati Membri li għandhom livell limitu minimu għal reati fis-sistema legali tagħhom, ir-reati kollha punibbli b'ċaħda tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal minimu ta' aktar minn sitt xhur;

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' proprjetà, bil-konozzenza, fiż-żmien tar-riċezzjoni tagħha, li tali proprjetà ġiet minn attività kriminali jew minn kompliċità ftali attività.

Emenda

(c) l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' proprjetà, bil-konozzenza, **jew** fiż-żmien tar-riċezzjoni **jew sussegwentement**, li tali proprjetà ġiet minn attività kriminali jew minn kompliċità ftali attività,

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) kundanna preċedenti jew simultanja għall-attività kriminali **li ġġenerat** il-proprjetà;

Emenda

(a) kundanna preċedenti jew simultanja għall-attività kriminali **li minnha tkun** ġiet il-proprjetà, **kif imsemmi fil-paragrafu 1**;

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) iċ-ċirkostanzi jew l-elementi fattwali kollha marbuta ma' attività kriminali, meta jkun ġie stabbilit li l-proprjetà tkun ġiet minn tali attività, kif imsemmi fil-paragrafu 1;

Emenda 12

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) jekk l-attività kriminali li ġġenerat il-proprjetà twettqitx fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew f'dak ta' pajjiż terz, meta l-imġiba rilevanti **tkun reat** kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru **jew il-pajjiż terz fejn twettqet l-imġiba u tkun reat kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru** li jimplimenta jew japplika dan l-Artikolu kieku twettqet hemmhekk;

(c) jekk l-attività kriminali li ġġenerat il-proprjetà twettqitx fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew f'dak ta' pajjiż terz, meta l-imġiba rilevanti **kienet tikkostitwixxi attività** kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jimplimenta jew japplika dan l-Artikolu kieku twettqet hemmhekk. **L-Istati Membri jistgħu, madanakollu, jirrikjedu li l-imġiba rilevanti, sakemm ma taqax fil-kategoriji msemmija fil-punti (a) sa (d) u l-punti (h), (l) u (pa) tal-punt (1) tal-Artikolu 2, tikkostitwixxi reat kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru l-ieħor jew dik tal-pajjiż terz;**

Emenda 13

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) jekk l-attività kriminali li ġġenerat il-proprjetà twettqitx fit-territorju ta' pajjiż terz b'riskju għoli kif imsemmi kif imsemmi fid-Direttiva 2015/849, meta l-imġiba rilevanti kienet tikkostitwixxi attività kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jimplimenta jew

japplika dan l-Artikolu kieku twettqet hemmhekk;

Emenda 14

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-imġiba msemmija fl-Artikoli 3 u 4 tkun punibbli permezz ta' pieni kriminali effettivi, proporzjonali u dissważivi.*

Emenda

1. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-attivitajiet kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jkunu punibbli permezz ta' pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi, li jinkludu multi abbażi tal-valur gross tal-ammont totali li jirriżulta mill-attività kriminali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw rispettt għad-drittijiet fundamentali u għall-prinċipji ġenerali tal-liġi kriminali li jħarsu d-drittijiet tad-difiża u tal-l-imputat.*

Emenda 15

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. *Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-reati msemmija fl-Artikolu 3 jkunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas **erba'** snin, **għall-inqas f'każijiet serji.***

Emenda

2. *Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-reati msemmija fl-Artikolu 3 jkunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas **ħames** snin.*

Emenda 16

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

2a. Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-reati msemmija fl-Artikolu 4 jkunu punibbli b'terminu massimu ta'

Emenda

priġunerija ta' mill-inqas tliet snin.

Emenda 17

**Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Kull Stat Membru għandu jiżgura wkoll li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jistgħu jkunu punibbli, għad-diskrezzjoni tal-imħallef, permezz ta' sanzjonijiet komplementari, temporanji jew permanenti, inklużi:

(a) projbizzjoni li dak li jkun jidħol f'kuntratti ma' awtoritajiet pubbliċi;

(b) skwalifika mill-prattika ta' ċerti attivitajiet kummerċjali; u

(c) projbizzjoni li dak li jkun jikkontesta għal karigi eletti.

Emenda 18

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) il-flus jew il-proprjetà li jkunu qed jiġu maħsula jkunu ġejjin minn attivitajiet terroristiċi kif definit fid-Direttiva 2017/541 jew mit-traffikar illeċitu ta' armi;

Emenda 19

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) l-awtur tar-reat ikun persuna politikament esposta kif definit fid-Direttiva 2015/849 jew ikun involut fil-

Emenda 20

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bc) l-attività kriminali tkun twettqet u ġiet iffinanzjata minn kumpaniji offshore; kumpaniji tal-isem ikunu involuti fl-atti kriminali; ikunu sehew trasferimenti illegali ta' fondi; ikunu involuti kuriers tal-flus u organizzazzjonijet mhux governattivi; ikun hemm preżunzjoni ta' attività professjonali bħala ħasil tal-flus jekk il-persuna kkonċernata tkun, pereżempju, attiva f'iżjed minn żewġ kartelli tal-ħasil tal-flus jew gruppi kriminali.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għal kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 li jkun twettaq għall-benefiċċju ta' **dawk il-persuni ġuridiċi** minn kwalunkwe persuna, li taġixxi waħedha jew bħala parti minn korp tal-persuna ġuridika, u li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fil-persuna ġuridika, abbażi ta':

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għal kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 li jkun twettaq **għall-benefiċċju tagħhom jew** għall-benefiċċju ta' **terza persuna** minn kwalunkwe persuna, li taġixxi waħedha jew bħala parti minn korp tal-persuna ġuridika, u li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fil-persuna ġuridika, abbażi ta':

Emenda 22

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, tkun għamlet possibbli t-twettiq ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 għall-benefiċċju ta' **dik il-persuna ġuridika** minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

Emenda 23

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Kull Stat Membru għandu jiżgura li persuna ġuridika li tkun instabet responsabbli għal reati skont l-Artikolu 6 tkun punibbli permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali u mhux kriminali, bħal:

Emenda 24

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt 1**

Test propost mill-Kummissjoni

(1) l-esklużjoni ta' dik il-persuna ġuridika mid-dritt **għall-benefiċċji** pubbliċi **jew l-għajnuna pubblika**;

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, tkun għamlet possibbli t-twettiq ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 għall-benefiċċju tagħhom jew għall-benefiċċju ta' **terza persuna** minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

Emenda

B'rispett strett għad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji ġenerali tal-liġi kriminali li jħarsu d-drittijiet tad-difiża u tal-imputat, kull Stat Membru għandu jiżgura li persuna ġuridika li tkun instabet responsabbli għal reat skont l-Artikolu 7 tkun punibbli permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali u mhux kriminali, ***abbażi tal-valur gross tal-ammont totali li jkun ġej mill-attività kriminali, u għandhom, għad-diskrezzjoni tal-imħallef, jinkludu sanzjonijiet temporanji jew permanenti oħra, inklużi:***

Emenda

(1) l-esklużjoni ta' dik il-persuna ġuridika mid-dritt **għal karigi, kuntratti, benefiċċji jew għajnuna** pubbliċi, **inklużi benefiċċji jew għajnuna relatati mal-Unjoni**;

Emenda 25

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) l-esklużjoni ta' dik il-persuna mid-dritt għal fondi tal-Unjoni;

Emenda 26

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) *projbizzjoni li dak li jkun jidħol f'kuntratti ma' awtoritajiet pubbliċi;*

Emenda 27

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) l-iskwalifika temporanja jew permanenti ta' dik il-persuna ġuridika mill-eżerċizzju ta' attivitajiet kummerċjali;

(2) l-iskwalifika temporanja jew permanenti ta' dik il-persuna ġuridika mill-eżerċizzju ta' attivitajiet kummerċjali, ***inkluż l-irtirar ta' liċenzji kummerċjali;***

Emenda 28

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ir-reat jitwettaq fis-sħiħ jew parti minnu fit-territorju tiegħu;

(a) ir-reat jitwettaq fis-sħiħ jew parti minnu fit-territorju tiegħu; ***jew***

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-trasgressur ikun wiehed miċ-
ċittadini tiegħu.

Emenda

(b) it-trasgressur ikun wiehed miċ-
ċittadini tiegħu; **jew**

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ba) ir-reat jitwettaq barra t-territorju
tiegħu iżda t-trasgressur ikun resident
abitwali fit-territorju tiegħu; jew**

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(bb) ir-reat jitwettaq barra t-territorju
tiegħu iżda r-reat jitwettaq għall-
benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita
fit-territorju tiegħu.**

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**1a. Meta reat jaqa' taħt il-
ġurisdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru
wieħed u meta kwalunkwe wieħed mill-
Istati Membri kkonċernati jista' jipproċedi
kontra t-trasgressuri b'mod validu abbażi
tal-istess fatti, l-Istati Membri għandhom
iqisu l-fatturi li ġejjin, elenkati f'ordni ta'
prijorità, sabiex jiddeċiedu liema**

minnhom se jipproċedi kontra t-trasgressuri:

- (a) l-Istat Membru li fih ikun twettaq ir-reat;*
- (b) in-nazzjonalità jew ir-residenza tat-trasgressur;*
- (c) il-pajjiż ta' orijini tal-vittmi;*
- (d) l-Istat Membru fejn ikun instab it-trasgressur.*

Emenda 33

**Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. L-Istati Membri jistgħu jirrikorru għall-Eurojust sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom u l-koordinazzjoni tal-azzjoni tagħhom.

Emenda 34

**Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni meta jiddeċiedi li jistabbilixxi ġurisdizzjoni ulterjuri fuq l-offiċi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 mwettqa barra mit-territorju tiegħu meta:

imħassar

- (a) It-trasgressur ikun resident abitwali fit-territorju tiegħu;*
- (b) ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju.*

Emenda 35

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Għodod investigattivi

Emenda

Għodod investigattivi *u kooperazzjoni*

Emenda 36

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Kull Stat Membru għandu jiżgura li għodod investigattivi effettivi, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati gravi jkunu disponibbli għal persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar- reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li għodod investigattivi effettivi, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati gravi jkunu disponibbli għal persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar- reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

2. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw, mill-aktar fis, id-disponibbiltà ta' riżorsi finanzjarji adegwati u suffiċjenti, kif ukoll persunal li għandu jkun imħarreġ kif imiss, sabiex ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jiġu investigati u jinbdew proċedimenti kontrihom.*

3. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni effikaċi bejn l-awtoritajiet rilevanti f'kull pajjiż u għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom li jinvestigaw reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, jew li jipproċedu kontra tali reati, jingħataw is-setgħa li jikkooperaw ma' awtoritajiet nazzjonali oħra u mal-kontropartijiet tagħhom fi Stati Membri oħra, kif ukoll mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.*

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali
Referenzi	COM(2016)0826 – C8-0534/2016 – 2016/0414(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 13.2.2017
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 13.2.2017
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Eva Joly 11.4.2017
Data tal-adozzjoni	6.11.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 –: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Hugues Bayet, Pervenche Berès, Esther de Lange, Markus Ferber, Jonás Fernández, Neena Gill, Roberto Gualtieri, Brian Hayes, Gunnar Hökmark, Danuta Maria Hübner, Petr Ježek, Othmar Karas, Wajid Khan, Georgios Kyrtos, Werner Langen, Bernd Lucke, Olle Ludvigsson, Fulvio Martusciello, Gabriel Mato, Bernard Monot, Luděk Niedermayer, Anne Sander, Alfred Sant, Molly Scott Cato, Pedro Silva Pereira, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Kay Swinburne, Paul Tang, Ramon Tremosa i Balcells, Marco Valli
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Enrique Calvet Chambon, Mady Delvaux, Eva Joly, Jan Keller, Alain Lamassoure, Thomas Mann, Miguel Urbán Crespo, Lieve Wierinck
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Durand, Maria Heubuch, Carlos Iturgaiz, Gabriele Preuß

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

41	+
ALDE	Enrique Calvet Chambon, Petr Ježek, Ramon Tremosa i Balcells, Lieve Wierinck
ECR	Bernd Lucke
EFDD	Marco Valli
GUE/NGL	Miguel Urbán Crespo
PPE	Markus Ferber, Brian Hayes, Gunnar Hökmark, Danuta Maria Hübner, Carlos Iturgaiz, Othmar Karas, Georgios Kyrtzos, Alain Lamassoure, Werner Langen, Thomas Mann, Fulvio Martusciello, Gabriel Mato, Luděk Niedermayer, Anne Sander, Theodor Dumitru Stolojan, Esther de Lange
S&D	Hugues Bayet, Pervenche Berès, Mady Delvaux, Jonás Fernández, Neena Gill, Roberto Gualtieri, Jan Keller, Wajid Khan, Olle Ludvigsson, Gabriele Preuß, Alfred Sant, Pedro Silva Pereira, Peter Simon, Paul Tang
Verts/ALE	Pascal Durand, Maria Heubuch, Eva Joly, Molly Scott Cato

0	-

2	0
ECR	Kay Swinburne
ENF	Bernard Monot

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni